**11 ta Marzu, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., *LL.D.***

Edgar Causon *noe*

*versus*

Abdelsalam A. Sheibani *noe*

## Kuntratt ta' Appalt – Preskrizzjoni ta' Sentejn – Preskrizzjoni ta' Ħames Snin – Inkompatibilità o meno bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dik li x-xogħol ma sarx skond il-kuntratt – Provi dwar il-Preskrizzjoni

*Il-kuntratt ma jbiddilx is-sostanza tiegħu mill-fatt jekk ġiex redatt bil-miktub u b'mod pjuttost dettaljat u kompless. Biex tiġi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli għal azzjoni partikolari wieħed irid jeżamina d-disposizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn il-partijiet.*

*Fil-każ in diżamina l-attur qiegħed jaġixxi biex ikun kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni allegatament dovuta bħala bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet ta' injam. Ma hemmx dubju li din l-azzjoni attriċi hi prettament naxxenti u bażata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruħu – għal dik li hija preskrizzjoni – fl-art. 2149 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Stabbilit dan wieħed irid jeżamina jekk hemmx inkompatibilità bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut billi apparti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-konvenut ta eċċezzjoni oħra ċjoè li subordinatament l-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi m'humiex dovuti għaliex ix-xogħol ma sarx skond il-kuntratti rispettivi.*

*IL-Qorti jidhrilha li ma hemmx inkompatibilità bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet billi l-konvenut ta t-tieni eċċezzjoni wara li espressament iddikkjara li dik l-eċċezzjoni kienet qegħda tingħata "indipendentement minn u subordinatament għall-ewwel eċċezzjoni", kliem li juri biċ-ċar li l-konvenut qatt ma ried jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur wara li ppremetta illi l-kumpanija konvenuta kienet inkarigat lill-kumpanija attriċi biex *tagħmel xogħlijiet ta' injam u t-tqegħid ta' l-istess xogħlijiet ta'* injam... u illi kwantu għal fuq imsemmija xogħlijiet ta' injam u t-tqegħid ta' l-istess xogħol ta' injam... il-kumpanija konvenuta għadha ħallset biss in parti l-prezz tal-imsemmija xogħlijiet lill-kumpanija attriċi, għalkemm ix-xogħlijiet msemmija ta' njam u tqegħid ġew debitament kompletati mill-kumpanija attriċi, u għalhekk il-kumpanija konvenuta għad baqgħalha tħallas lill-kumpanija attriċi l-bilanċ ta'...

*Omissis*;

L-istess attur talab li dina l-Qorti:

1. Tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta'...*Omissis*;

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Abdulrakim Mohammed El Naas li biha eċċepixxa:

1. Illi mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra li jsegwu hawn taħt, il-krediti pretiżi mis-soċjetà attriċi huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-artikolu 2254 (a) (illum 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Indipendentement minnu u subordinatament għall-ewwel eċċezzjoni, l-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi m'humiex dovuti għaliex fost raġunijiet oħra x-xogħol ma sarx skond il-kuntratti rispettivi;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fl-4 ta' Diċembru 1987 li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-artikolu 2254(a) (illum 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine... u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Illi l-konvenut isostni li l-azzjoni ta' l-attur waqgħet bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn skond l-Artikolu (illum) 2149 (a) tal-Kodiċi Ċivili;

Min-naħa l-oħra, l-attur isostni li din l-eċċezzjoni ma hijiex applikabbli għall-każ odjern li jaqa' taħt il-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu (illum) 2156 (f) ta' l-istess Kodiċi;

Illi din il-kawża qegħda ssir mill-attur għaliex jallega li għad baqgħalu jieħu mingħand il-konvenut il-bilanċ ta'... dovut bħala ħlas per saldu ta' xogħlijiet ta' njam;

Il-ftehim dwar l-istess xogħlijiet ġie inkorporat f'żewġ kuntratti... Ma' l-istess kuntratti jidher li ġew meħmuża diversi dokumenti fosthom "*Bills of Quantities*", "*Architect's Drawings*" u "*Programme Documents*" b'mod li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim milħuq bejn il-kontendenti ġew dettaljatament reġistrati u redatti bil-miktub;

Illi l-attur isostni li l-kuntratti in kwistjoni jirregolaw kull aspett ta' kull tip ta' relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti. Fihom dettalji tax-xogħol li l-attur kellu jagħmel klawsoli penali, disposizzjoni li jirregolaw l-estensjoni tal-perijodu tal-kuntratt, l-assenjazzjoni tad-drittijiet taħt il-kuntratt, il-"*personal injuries*" u "*employer's indemnity*", assikurazzjoni, *royalties* u aspetti oħra. L-attur argumenta li la fil-kuntratti in kwistjoni hemm obbligazzjonijiet li mhux dejjem għandhom x'jaqsmu ma' appalt innifsu, allura hawn si tratta ta' "obbligazzjonijiet kuntrattwali" li jaqgħu biss bil-preskrizzjoni tal-ħames snin;

Illi ma hemmx dubbju li l-kuntratti in kwistjoni għandhom natura pjuttost komplessa. Però sostanzjalment jirriżulta li l-partijiet riedu jintrabtu b'kuntratt ta' appalt akkumpanjat b'diversi akkordji sussidjarji. Fil-fehma tal-Qorti, **il-kuntratt ma jbiddilx is-sostanza tiegħu mill-fatt jekk ġiex redatt bil-miktub u b'mod *pjuttost dettaljat* u kompless. Biex tiġi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli għal azzjoni partikolari wieħed irid jeżamina d-disposizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabbilixxi s-sustanza tar-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn il-partijiet;**

**Illi fil-każ in disamina l-attur qiegħed jaġixxi ġudizzjarjament biex ikun kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni allegatament dovuta bħala bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet ta' njam;**

*Omissis*;

**Illi ma hemmx dubju li din l-azzjoni attriċi hi prettament naxxenti u bażata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruħu – għal dik li hija preskrizzjoni – fl-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili.** Dana jipprovdi *inter alia* li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogħlijiet oħra ta' njam, jew materjal ieħor għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu jaqgħu bi preskrizzjoni ta' l-għeluq ta' sentejn. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, is-sentenza "Camilleri vs Frendo" (Kol. Vol. XII – Pg. 144) hija rilevanti għall-każ u l-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili ma hijiex applikabbli għall-każ taħt eżami. Dana għaliex l-operazzjoni kummerċjali li fuqha hi bażata l-azzjoni ta' l-attur ma hija xejn ħlief il-kuntratt ta' appalt, li kif intqal qabel hu milqut bil-preskrizzjoni tas-sentejn. Konsegwentement, il-preskrizzjoni tal-ħames snin ma hijiex applikabbli skond l-istess artikolu 2156 (f) peress li hemm espressament provdut fih li dik il-preskrizzjoni tal-ħames snin hi eskluża, "meta l-kreditu jkun jaqa' skond il-Kodiċi Ċivili jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar";

**Stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli għal dan il-każ hija preċiżament dik tas-sentejn** skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili **wieħed issa jrid jeżamina jekk hemmx inkompatibilità bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut.** Kif intqal qabel, **apparti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenut ta eċċezzjoni oħra ċjoè li** "indipendentement minn u **subordinatament** għall-ewwel eċċezzjoni, l-**ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi m'humiex dovuti għaliex** fost raġunijiet oħra **x-xogħol ma sarx skond il-kuntratti rispettivi**".

L-attur isostni li bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet teżisti

kontradizzjoni "għaliex minn banda waħda qed tiġi vantata l-preskrizzjoni, *filwaqt li mill-banda l-oħra qed jingħad li peress* li fl-opinjoni tal-konvenut ix-xogħol ma sarx sew allura m'għandux isir ħlas; it-tieni eċċezzjoni twaqqa' l-ewwel waħda tal-preskrizzjoni, peress li qed jagħraf li huwa żgur ma ħallasx id-debitu tiegħu lejn id-ditta attriċi". In sostenn l-attur iċċita s-sentenza fl-ismijiet "Alfred Sammut vs Peter Vella" deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 1986;

Illi l-konvenut iċċita sentenza oħra u ċjoè dik mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-kompjant Imħallef Onorevoli George Schembri fis-16 ta' Novembru 1978 fl-ismijiet "Emilio Agius *pro et nomine* vs Joseph Gatt *nomine*". F'din is-sentenza hemm *aċċenn li fuq il-punt taħt diskussjoni hemm konflitt fil-*ġurisprudenza lokali. Fiha ntqal hekk:

"Jidher għalhekk ..... li l-ġurisprudenza lokali hi maqsuma dwar dan il-punt, u din il-Qorti tħoss li għandha ssegwi aktar il-prinċipju li kien ġie stabbilit fis-sentenza fuq imsemmija "Pace Bonello vs Bugeja Caruana" deċiża minn Sir Adriano Dingli fis-27 ta' Marzu 1885 bażata fuq id-differenza fuq id-diċitura tal-artikolu 2265 tal-liġi tagħna minn dawk ta' l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili Taljan u Franċiż fuq ċitati. Il-ġurisprudenza kontrarja *tidher li kienet segwiet opinjonijiet ta' awturi kontinentali li kienu* qed jinterpretaw il-Kodiċi tagħhom li f'dan l-artikolu hu dissimili mill-liġi tagħna;"

Illi għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza, din **il-Qorti jidhrilha li ma hemmx inkompatibilità bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet li ta l-konvenut.** Għandu jiġi enfasizzat li **l-**

**konvenut ta t-tieni eċċezzjoni wara li espressament iddikjara li dik l-eċċezzjoni kienet qegħda tingħata "indipendentement minn u subordinatament għall-ewwel eċċezzjoni", kliem li juri biċ-ċar li l-konvenut qatt ma ried jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.** Jidher ċar li hu kien qiegħed jaddotta t-tieni linja ta' difiża fil-każ li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tiġix milqugħa għal xi raġuni;

Il-Qorti, issa sejra tgħaddi biex teżamina l-provi li ressqu l-partijiet biex tara jekk il-preskrizzjoni tas-sentejn eċċepita mill-konvenut hijiex fondata;

Illi kif hu magħruf, il-preskrizzjoni hi mezz li bih wieħed *jeħles minn azzjoni meta* l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi. Ċertament, jinkombi fuq minn jeċċepixxi l-preskrizzjoni li jipprova sodifaċentement li jkun għadda inutilment il-perijodu kollu tal-preskrizzjoni. Jekk wara li sar din il-prova l-kreditur jallega li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni, allura l-piż tal-prova jdur fuq il-kreditur biex jipprova sodifaċentement dak li jkun ġie allegat;

Illi l-konvenut Abdulrakim Mohammed El Naas ikkonferma *bil-ġurament fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-*eċċezzjonijiet (ara fol.183) li "il-krediti pretiżi mis-soċjetà attriċi huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-artikolu 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili";

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti dikjarazzjoni bħal din **waħedha** ma hijiex biżżejjed biex tipprova sodisfaċentement li fil-fatt għadda inutilment il-perjodu kollu tal-preskrizzjoni peress li tali dikjarazzjoni ma fihiex ir-rabta ta' ebda data speċifika.

Fi kliem ieħor, min jeċċepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagħmel prova **sodisfaċenti** tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri għaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pożizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni ikunx iddekkorra jew le;

*Omissis*;

Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma rnexxilux jagħmel din il-prova b'mod sodisfaċenti u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tistabbilixxi jekk il-perijodu tas-sentejn stabbilit bħala l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ bdiex jiddekorri effettivament u jekk l-istess perijodu laħaqx skada qabel ġiet intavolata l-odjerna azzjoni ta' l-attur *nomine*;

Illi għalhekk a bażi tal-provi li għandha quddiemha l-Qorti, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma ġietx sodisfaċentement pruvata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Farid Farhat nomine ppreżentata fil-15 ta' Diċembru 1987;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Farid Farhat nomine li biha talab bir-rispett illi s-sentenza fuq imsemmija pronunzjata fl-4 ta' Diċembru 1987, mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, tiġi revokata u li għalhekk tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bbażata fuq l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili u li d-domandi attriċi jiġu miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat *nomine*;

Rat ir-risposta ta' Guido Mizzi *nomine*;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

L-appellant jissottometti li skond ma qalet l-ewwel Qorti huwa kellu l-obbligu, li għall-fini tal-preskrizzjoni jġib provi dwar id-data minn meta kellu jibda jiddekorri l-perijodu tal-preskrizzjoni minnu eċċepita u li dan il-perijodu kien iddekorra kollu qabel ma ġiet istitwita l-kawża odjerna. Hija qalet ukoll li hu ma kienx irnexxilu jagħmel dan u għalhekk ma setetx tistabbilixxi minn meta l-perijodu in kwistjoni kellu jibda jiddekorri u konsegwentement ma setetx tistabbilixxi jekk l-istess perjodu ġiex dekors;

L-appellant qiegħed jilmenta minn din il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti u qiegħed isostni li kien hemm provi biżżejjed biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni kuntrarja. In sostenn ta' dan huwa qiegħed jissottometti:

1. li huwa kien ikkonferma bil-ġurament id-dikjarazzjoni tiegħu annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, li l-kreditu pretiż mill-attur nomine kien preskritt ai termini ta' l-artikolu 2254(a) (illum 2149(a) ) tal-Kodiċi Ċivili. Din kienet prova biżżejjed u ma kellux għalfejn iżid iżjed;

2. li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament biżżejjed tajjeb tal-verbali f'din il-kawża. In fatti minn dawn jirriżulta li

kemm minħabba rikonoxximent stante negozjati bejn il-partijiet''. L-istess difensur ta' l-attur fid-9 ta' April 1986 iddikjara li l-ittra uffiċjali fuq imsemmija ma kienet qatt ġiet notifikata;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, kull ma għamel il-konvenut, kien li rrepeta dak li hemm fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu u ċjoè ''li mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjoni l-oħra, il-krediti pretiżi mis-soċjetà attriċi kienu preskritti bit-trapass ta' sentejn taħt l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. Taħt iċ-ċirkostanzi wieħed kien jistenna li fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut kien jelabora fuq dak li kien ġa *qal fl-eċċezzjoni*, u *jispeċifika minn meta kien qiegħed* jippretendi li kellu jibda jiddekorri t-terminu tal-preskrizzjoni. Minn dak li hemm fid-dikjarazzjoni fuq imsemmija ma setax l-attur u lanqas il-Qorti jaslu għal-liema perijodu ta' sentejn il-kovenut kien qiegħed jirreferi;

Jista' jingħad ukoll dwar dak li qal il-konvenut dwar id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, li kontra din id-dikjarazzjoni hemm dik ta' l-attur ukoll ġuramentata annessa maċ-ċitazzjoni fejn ikkonferma l-kreditu tiegħu kontra l-istess konvenut. Barra minn hekk ukoll fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma jistax jiġbed xi vantaġġ għalih mill-fatt li kienu għaddejjin negozjati bejniethom u dan kien jimporta rikonoxximent da parti ta' l-attur li kienu għaddew is-sentejn tal-preskrizzjoni. Minn dan l-istess *mod jista' faċilment jiġi dedott il-kuntrarju u ċjoè li kien* hemm rikonoxximent da parti tiegħu tal-kreditu ta' l-attur;

Issa l-ewwel seduta li nżammet mill-Qorti, l-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut kienet fit-2 ta' Diċembru

l-attur qatt ma nnega li s-sentejn kienu fil-fatt għaddew. Dak li kien qiegħed jikkontesta l-attur kien li l-perijodu tal-preskrizzjoni li japplika għall-każ in eżami kien ta' ħames snin u mhux ta' sentejn;

*Omissis*;

Issa l-appellant ma jidhirx li qiegħed jilmenta mill-mod li adoperat l-ewwel Qorti biex tirriżolvi l-problema. Huwa mhux qiegħed jikkontesta dak li qalet il-Qorti dwar il-fatt li kien jinkombi lill-konvenut li jipprova li kienu għaddew aktar minn sentejn minn dakinhar li l-azzjoni odjerna setgħet tiġi eżerċitata mill-attur nomine. Huwa qiegħed jikkontesta biss il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti fejn qalet li l-konvenut nomine ma kienx irnexxilu jipprova meta beda jiddekorri t-terminu tal-preskrizzjoni invokata minnu. Huwa qiegħed jissottometti li d-dikjarazzjoni tiegħu ġuramentata annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet kienet biżżejjed bħala prova. Infatti fiha huwa kien iddikjara li l-kreditu ta' l-attur nomine kien jinsab preskritt;

Barra minn hekk huwa qiegħed isostni wkoll li l-attur stess matul l-andament tal-kawża qatt ma nnega illi attwalment is-sentejn kienu fil-fatt għaddw. Dak li kien qiegħed jikkontesta l-attur waqt il-kawża kien biss li mhux dik il-preskrizzjoni ta' sentejn invokata mill-konvenut, kienet tapplika għall-każ, iżda kienet tapplika oħra ta' ħames snin. L-appellant qiegħed jissottometti wkoll li tant l-attur kien aċċetta li fil-fatt is-sentejn kienu għaddew, illi fil-verbal tat-2 ta' Diċembru 1985 (fol. 189) ġiet reġistrata din il-kontestazzjoni. Apparti dan, fl-istess verbal ġie reġistrat ukoll illi "fit-tieni lok fi kwalunkwe każ hemm interruzzjoni kemm b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Novembru 1983 u

u l-"*final Certificate*". L-ebda prova oħra ma ġiet prodotta li minnha l-Qorti setgħet tasal biex tistabbilixxi data dwar meta tlesta x-xogħol in kwistjoni;

Issa l-obbligu għall-fini tal-preskrizzjoni li jipprova minn liema data jew dati beda jgħaddi t-terminu tal-preskrizzjoni jew meta kienu saru dovuti l-ħlasijiet finali skond il-kuntratti relativi kien jinkombi lill-konvenut li fil-fatt ma rnexxilux. Għalhekk din il-Qorti ma tista tistabbilixxi jekk it-terminu ta' sentejn stabbilit bħala l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ bdiet fil-fatt jiddekorri u jekk laħaqx skada qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni. Għalhekk dan l-aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi wkoll miċħud;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fl-4 ta' Diċembru 1987 u tordna li dan il-proċess jerġa' jintbagħat lura lill-ewwel Qorti tramite r-Reġistratur għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellant.